ŻEBBUĠ

MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru 8/2011

Il-Kumitat iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ

Data: Nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar 2011

Ħin: Fil-5:00pm

Preżenti għal-Laqgħa

Is-Sur Carmelo Saliba Sindku

Is-Sinjura Maria Saliba - Chairperson

Is-Sur Emanuel Debono – Viċi Chairperson

Is-Sinjura Carmen Camilleri

Is-Sur George Sacco

Is-Sur Joseph Zammit

Is-Sur Carmelo Grima Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ippresediet il-laqgħa ċ-Chairperson Maria Saliba

**Talba**

Intqalet it-talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għal-laqgħa.

APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-Laqgħa Nru 7/2010

**KORREZZJONIJIET**

Saru xi korrezzjonijiet tal-ortografija u wara ġew approvati u ffirmati miċ-chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv.

**PUNTI MIL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

Inġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li l-minuti li ntbagħtu ma setgħux jinfetħu bil-Word application. Is-Segretarju ħa nota ta' dan u għandu jkellem lill-iskrivana biex dawn id-dokumenti jibdew jintbagħtu bħala Word Document li jkunu jistgħu jinqraw faċilment.

Il-Kumitat ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju għal bozza mal-Arzella Restaurant biex titwaħħal mill-ġdid

Il-Kumitat reġa' fakkar biex il-bozza ta' ħdejn Otters Club titranġa minkejja li għandu jsir programm estensiv tal-elettriku.

Emanuel Debono talab biex il-lampi taz-zuntier tal-Knisja jinbidlu fejn hemm bżonn.

Emanuel Debono issuġġerixxa li jiġu studjati proġetti għal Marsalforn biex meta jkun hemm applikazzjoni għal fondi Speċjali jew għajnuna mill-Unjoni Ewropea naħtfu l-okkażjoni u mhux isibuna fuq sieq waħda.

Festa ta' San Pawl. Is-Sindku nforma lill-Kumitat li għall-Festa ta' San Pawl ser jiġu mistiedna l-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ u l-Banda Victory tax-Xagħra. Il-Banda Santa Marija ser titħallas mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ filwaqt li l-Banda Victory ser titħallas mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

Bankina fil-promenade ta' quddiem il-Blokki. David Carrington bagħat ittra fejn ilmenta dwar bankina sfronduta u nforma lill-Kunsill li l-mara tiegħu weġġgħet sieqha. Hu talab li titranġa u dan mingħajr preġudizzju għal kull passi li jistgħu jittieħdu kontra l-Kunsill taż-Żebbug. Is-Segretarju għandu jkellem lil Carrington u jipprova jsolvi dan l-ilment.

**Mobile Toilets**

Carmen Camilleri ipproponiet li jiġu stallati Mobile Toilets fix-Xwejni. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dawn jiġu jqumu somma konsiderevoli ta' flus (madwar 7 Liri i.e. 16-il ewro kuljum). F'dan i-ħin intweriet ix-xewqa li jsiru Toilets fissi iżda din il-materja tħalliet fluwida.

**Skart mir-Ristoranti**.

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iskart mir-ristoranti. Il-Kumitat qed jitlob aktar infurzar.

**Ilment Nru KAM 06/2010** Din it-talba saret minn Joe Vella (99496137). Is-Sindku Għandu jagħmel viżita fuq il-post u jirraporta lill-Kunsill.

**Ilment Nru 78/2010** Dan l-ilment tressaq minn Joseph Micallef (21563614). Is-Segretarju għandu jikteb lill-Gvern Ċentrali biex jara għal dan l-ilment.

**Ilment Nru 76/2010**. Dan l-ilment tressaq minn Michael Scerri (bla indirizz). Dan ġie approvat mill-Kumitat. Is-Segretarju għandu javviċina lill-kuntrattur biex isir ix-xogħol meħtieġ.

**Ilment Nru 72/2010.** Dan l-ilment tressaq minn Geswalda Saliba (21550163). Geswalda lmentat li quddiem ir-residenza tagħha sfrondat it-triq minn krejn li kien poġġut. Dan għandu jieħu ħsiebu l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

**Lamp Post.** Noel Debono talab biex Lamp Post tiġi spustjata minn ma' ta' Charlie Spiteri għal post ieħor indikat.

**Wifi.** Joseph Zammit talab biex il-Wifi li għandu jiġi stallat fl-Għassa tal-Pulizija jkun jista jittrasmetti fl-inħawi għal kull min irid jikkonnettja l-Computer miegħu.

**Bushes.** Joseph Zammit ġibed l-attenzjoni għal bushes baxxi li qed jiġu nvaduti mill-ġrieden. Dan l-ilment għandu jiġi ndirizzat lill-Kunsill.

**Ġmiel il-Fatra.** Din l-attivita' għandha ssir f'Mejju 2011. Iżda l-ġurnata għandha tkun b'tali mod li ma taħbatx ma' festi oħra f'Għawdex.

**Qagħda ta' ilma.** Joe Zammit irrimarka li fil-wesgħa tonda tal-ponta ta' Santa Marija qed iżomm l-ilma tax-xita u hemm bżonn li ssir trinka biex l-ilma jiskula. Din għandha titressaq lill-Kunsill.

**Notte Gozitana.** Il-Kumitat innota li Notte Gozitana ser issir fil-5 ta' Mejju jew fl-14 ta' Mejju.

**George Sacco ipproponа:-**

li jkun hemm limiti għas-sewqan ta' 15-il Kilometru fis-siegħa għal Marsalforn.

Li l-proposti tal-Kumitat ta' Marsalforn jiġu esegwiti.

Li jsiru konki lis-siġar tal-bruk fil-promenade.

Żbir tas-siġar fil-Wied kollu.

Patching fi Triq is-Sajjied.

Titranġa bankina tal-Knisja fi Triq is-Sajjied.

Laqgħat mal-aġenzija tal-Wardens dwar 'nfurzar żejjed' mill-Gwardjani Lokali f'Marsalforn.

Tranġar ta' Tabelli.

**Iċ-Chairperson Maria Saliba pproponiet:-**

Li jinżebgħu l-Yellow Lines.

Spjegazzjoni għala l-Bus Shelters għadhom ma ġewx stallati.

Dust Bins. Is-Segretarju rrisponda li t-Tender ngħatat u dawn għandhom jiġi fil-futur qarib.

Bankini mkissrin. Issir spezzjoni biex jiġi stabbilit fejn hemm bankini mkissrin.

Bandieri. Is-Sindku għandu jara li jiġu provduti l-Bandieri li hemm bżonn

Tappieri perikolużi. Issir spezzjoni biex jiġi stabbilit liema tappieri għandhom jitbiddlu.

Dwal taz-Zuntier tal-Knisja. Biex jinbidlu l-bozoz maħruqa ta' quddiem il-Knisja.

Parking Bays. Il-Kumitat qed jissuġġerixxi li dan ir-rapport jgħaddi għand il-perit.

**Carmen Camilleri pproponiet:-**

Parking ta' Censu Attard (Smugglers's Cave) Il-Kumitat iħoss li dan is-suġġeriment mhux ġustifikat.

**Tmiem** .

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Maria Saliba | Carmelo Grima |
| Chairperson | A/Segretarju Eżekuttiv |